MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2013

Numru. 677/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen Mallia)**

**vs**

**JOSEPH GRIMA**
**JEANESSE CAMILLERI NEE' GRIMA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Joseph Grima ta' 58 sena, iben il-mejjet Carmelo u Vincenza nee' Tabone, imwieled il-Hamrun, fit-23 ta' Settembru, 1948 u li joqghod fil-fond 'Versai', Triq Gene Howard, Naxxar. Karta ta' l-identita Numru 800484M;

U

Jeanesse Camilleri nee’ Grima ta’ 30 sena, mart Carmel u bint Joseph Grima u Rosanna nee’ Galea, imwielda il-Pieta’. Fl-24 ta’ Frar, 1977 u li toqghod fil-fond Nru. 27, Triq L-Mqabba, Siggiewi. Karta ta’ l-identita Numru 188477M.

Gew akkuzati talli:

**1.** F’Ottubru 2006 u fix-xhur u gimghat ta’ qabel, f’Guardamangia, u f’diversi nhawi f’dawn il-Gzejjer, ghamlu falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li kienu hekk gew iffurmati, inkella billi ziedu jew bidlu klawsoli, dikjarazzjonjiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe’ numru tar-registrazzjoni falz ta’ vettura jaqra' **DAC 784** maghmul fuq il-plastik;
**2. U talli:** fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, sabiex jiksbu xi beneficcju ghalihom infushom jew ghal-haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw taghrif faz billi pproducew numru tar-registrazzjoni falz ta’ vettura jaqra' **DAC 784** maghmul fuq il-plastik;

**2. U talli:** fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, ghamlu falsifikazzjoni jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi pproducew numru tar-registrazzjoni falz ta’ vettura jaqra' **DAC 784** maghmul fuq il-plastik;

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok SM5 u nnutati li l-imputati m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Issa l-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni tal-Ispettur Stephen Mallia li fis-Seduta tal-15 ta' Jannar, 2008, inter alia qal:

"........................................................................................." "Irrid nghid illi nhar is-19 ta' Ottubru 2006 ghal habta ta' l-10 ta' filghaxija PC 343 Carabott u PC 9547 Debattista stazzjonat fil-mobile squad kienu qed jaghmlu ronda fl-inhawi ta' Bahar ic-Caghaq. Kienu nnutaw vettura tal-marka Hyundai Accent li dina kellha numru ta' registrazzjoni DAC 794. Din kienet ipparkjatha f'Bahar ic-Caghaq fl-inhawi ta' fejn hemm dak il-kiosk tal-gelati u dawn iz-zewg Pulizija kienu nnutaw li number plate ta' quddiem ta' dina l-vettura kien fil-fatt mhux dak originali pero' kien hemm maghmul minn stickers fuq il-plastik u mad-daqqa t'ghajn ma kienx jidher illi huwa fil-fatt wiehed falz, mhux dak mahrug mill-ADT.

U dan ghar-raguni li kien maghmul b'mod professjonali, sahansitra kellu anke l-insinja ta' l-Unjoni Ewropea li kienu certi dettalji li wiehed mad-daqqa t'Ghajn ma tantx jinduna bihom. Meta l-Pulizija kienu ccekkjaw dwar din il-vettura fil-fatt irrizulta li din il-vettura originarjament vera kellha dan l-istess numru DAC 794. Kien irrizulta wkoll li dina kienet registrata wkoll fuq certu Michael Borg minn Santa Venera pero' dak il-hin il-vettura kien qed jaghmel uzu minnha it-tifel ta' dana Michael Borg li kien jismu Jesrec Borg li kellu 22 sena minn Santa Venera ukoll.

Flimkien ma' dan Jesrec Borg kien hemm it-tfajla tieghu li kien jisimha Mariella Formosa li hija minn Santa Venera wkoll. Waqt l-investigazzjonijiet peress illi l-kaz ghadda f'idejja jiena kont ivestigajt lil dana Jesrec Borg fejn dana kien ammetta maghna r-raguni ghalfejn kien iddecieda illi jixtri u jwahhal dan in-number plate tal-plastik kienet biex in-numru, il-pjanca toqghod ahjar fuq il-vettura tieghu mal-bumper u rrizultali wkoll illi n-numru originali mahrug mill-ADT kien ukoll qieghed gol-karozza pero' ma kienx dak imwahhal fuq quddiem tal-vettura.

Kien qalilna wkoll minn fejn kien xtara dan in-number plate. Fil-fatt kien qalilna li dana xtrah minghand certu Joe Grima il-propjetarju ta' l-Auto Radio li jinsab fi t-triq ta' quddiem l-isptar St Luke's fi Gwardamangia u qalilna li kein hallas erba' liri ghalih. Meta komplejna ninvestigaw minn dak lil qalilna Jesrec Borg dana kien qal illi dana ix-xiri ta' dana n-number plate kien sar xi tliet gimghat qabel u meta kien mar hemmhekk kien hemm kemm l-imputat Joseph Grima kif ukoll it-tifla tieghu Janesse Camilleri fejn Janesse kienet harget u hadet il-qisien tal-post fejn irid joqghod in-number plate fuq il-bumber tal-karozza tieghu quddiem il-hanut. Dakinhar hu kien hallas erba' liri. Kien ukoll inghata rcevuta pero' dina l-ircevuta ma kinitx ghadha fil-pussess tieghu ghaliex skond u kien tilifha jew ramiha. U kien qalilna wkoll li ta' l-Auto Radio l-imputati kienu qalulu biex jghaddi ghal dan in-number plate meta jkun lest xi gimgha wara. Fil-fatt huwa hekk ghamel u meta kien mar ghal dan in-number plate hu kien innota li n-numru hadulu zball fih u flok DAC 794 kienu ghamluhulu DAS 784. ghalhekk hu kellu jerga' jaghaddi tliet ijiem wara biex issir din il-korezzjoni f'dan in-number plate u fil-fatt kien mar fil-gurnata tat-Tnejn li kienet id-data tas-16 ta' Ottubru 2006.

Ghalkemm huwa ma kellux fil-pussess tieghu ircevuta originali ta' l-erba' liri, skond dejjem dana Jesrec Borg huwa kien gharfu, Joe Grima kien gharaf lil Jesrec Borg bhala l-istess persuna li kien xtara n-number plate minghandu u xorta kien tah dan in-number plate. Dakinhar li mar jippikja dan in-number plate, Jesrec Borg kien fil-kumpanija ta' missieru. Mill-investigazzjoni li ghamilt ukoll jirrizulta li missier Jesrec Borg, certu Michael, dana fil-fatt kien jaf lil imputat Joseph Grima qabel. Gieli tkellmu u dana kien hareg ukoll waqt konfront illi jiena kont ghamilt bejn Jesrec Borg u l-imputati Joseph Grima u Janesse Camilleri kif ukoll bejn Michael Borg missier Jesrec flimkien maz-zewg imputati. Ghalkemm fil-konfront kien hareg u anke minn dak illi qal l-imputat Joseph Grima li hu kien jaf lil Michael Borg, minn naha ta' Joseph Grima dana kien qal li kien ilu hafna ma jiltaqa ma' Michael Borg pero' Michael Borg baqa' jsostni illi hu kien iltaqa mieghu ftit

granet qabel biss, ftit gimghat qabel meta it-tifel tieghu mar jixtri dan in-number plate.

Jiena sussegwentement kont hadt l-istqarrijiet liz-zewg imputati fejn fil-konfront ta' Joseph Grima jiena hadtlu zewg stqarrijiet u lil Janesse Camilleri kont hadtilha stqarrija wahda u dana wara li saru dawn il-konfronti li ghandi kemm semmejt. Minn naha ta' l-imputati dawna kienu baqghu isostnu illi huma ma jimmanifatturawx numri ta' registrazzjoni ta' daka t-tip u l-unika numri illi jaghmlu, l-unika stickers illi huma jipproducu huma dawk uzati jew fuq it-taxis jew inkella xi registration numbers biex izejnu xi garaxx jew hekk. huma it-tnejn qalu li jafu li jigi manifatturat numru ta' registrazzjoni simili ghal metru ta' din l-investigazzjoni kien illegali.

Kienu jafu li dak johrog biss minn naha ta' ADT u ghalhekk baqghu jinnegaw illi huma jipproducu dak it-tip ta' numri. Jiena kont ghamilt ukoll tfittxija fl-istabbiliment Auto radio. It-tfittxija partikolari kienet ghal xi numri simili ghal dawk mahrugin mill-ADT u anke ghal xi apparat elettroniku bhal printers jew inkella plotters li setghu jaghmlu dan it-tip ta' number plates pero' din it-tfittxija kienet irrizultat fin-negattiv. Sussegwentement Jesrec Borg kien tressaq il-Qorti u gie gudikat, fejn il-kaz tieghu kien inghalaq dwar dana l-kaz u wara wkoll tressqu l-Qorti in konnessjoni ma' l-istess kaz l-imputati hawnhekk prezenti." (Sottolinjar tal-Qorti)

Issa l-Qorti taghmel referenza ghall-Istqarrija ta' Joseph Grima moghtija fl-20 ta' Ottubru, 2006, fejn stqarr:

"M. Joseph inti x'inhu xogholok?
T. Ghandi hanut tat-twahhil tal-accessorji tal-karozzi bl-isem 'Auto Radio' li jinsab G'Mangia.
M. Ghadek kemm gejt muri numru tar-registrazzjoni ta' vettura jaqra' DAC 784 mahdum minn stickers imwahhlin fuq materjal tal-plastic, li mhux originali. Nghid sew li dan ghamiltu int il-hanut tieghek?
T. Le.
M. Dan in-numru nstab imwahhal fuq vettura Hyundai Accent hadra il-bierah bil-lejl fejn sid din il-vettura allega li

dan xtrah minghandek madwar tlett gimghat ilu ghall-prezz ta' LM4 wara li tak in-numru DAC 784. Xi tghid ghal dan?

T. Mhux vera. Ahna lanqas ghandna minn dan il-materjal.

M. Ara nghidx ser li anke tajtu ricevuta tal-LM4 li hallas?

T. Le ghax ma ghamilnijiex ahna.

M. Ara nghidx sew li int gieli ghamilt minn dawn it-tip ta' numri u komuni li jigu nies ghandek u tghamlilhom numru tar-registrazzjoni simili ghal dan li qed nurik issa?

T. Le ma jigux jixtru ghax ahna ma naghmluhomx.

M. Pero' nghid sew li int tghamel xi tip ta' pjanci tar-registrazzjoni ohrajn il-hanut tieghu u tista' tghidli l-uzu taghhom dawn?

T. Jien ma nghamilx pjanci tar-registrazzjoni imma naghmel pjacni sofor fuq il-metal li jkollhom fuqhom xi isem jew xi laqam u jintuzaw normalment biex jsebbhu xi garaxx jew fuq xi trailer u jghamluh fuq id-dashboard tat-trakkijiet.

M. Int taf li hu illegali li jigu manifatturati pjanci simili ghal dan li qed nurik ghax dawn l-ADT biss jistghu jghamluhom?

T. Iva naf.

M. Barra mill-hanut ta' G'Mangia ghandex xi hwienet ohra fejn topera?

T. Le, hemm biss.

M. Int ghandek computers jew printers li jghamlu dawn it-tip ta' stickers fil-hanut?

T. Le. L-istickers ingibhom lesti minn barra u kull ma ghandi huma zewg qisien biss u ta' tipa differenti minn dawn. Tieghi huma it-tip ta' li jkolhom it-Taxis mal-bibien. Computer ghandi wiehed il-hanut u ghadu lanqas hu biss kkumnikat u tistaw tigu tarawh ghax ghadu gdid u tistaw tehduh ghax u ticcekkjawh. Anke lest intikom is-samples tal-ittri li nwahhal jien.

M. Triq izzid jew tnaqqas xi haga minn din l-istqarrija li ghadek kemm ghamilt minn jeddek?

T. Xejn." (Sottolinjar tal-Qorti)

Issa l-Qorti taghmel referenza ghall-Istqarrija ta' Joseph Grima moghtija fit-28 ta' Ottubru, 2006, fejn stqarr:

"M. Sur Grima, nhar l-20 ta' Ottubru 2006 ittehditdlek stqarrija f'dan l-ufficju. Tikkonfermah dak li ghidt fiha dakinhar u tixtieq tbiddel xi haga milli ghedt dakinhar?
T. Nikkonfermah u ma nixtieq inbiddel xejn.
M. Ghadu kemm sar konfront ftit minuti ilu f'dan l-ufficju bejnek u bejn certu Gesred Borg u missieru fejn dawn fil-presenza tieghek qalu li kienu ordnaw u gabru dan in-numru falz DAC 784 mill-hanut taghkhom fejn int kont prezenti flimkien ma' bintek Jeanesse. Xi tghid ghal dan?
T. Lit-tifel lanqas nafu bhala klijent tieghi u qatt ma rajtu. Pero' lil missieru nafu u hu klijent tieghi u l-ahhar li gie ghandi l-hanut kien aktar minn sitt xhur ilu u tkellimna fuq sahhti ghax dak iz-zmien kont midjur hafna u kien awgurali fejqan.
M. Kif tafu u kif smajt waqt dan il-konfront, kemm il-missier u ibnu Gesred Borg qed jallegaw li gew ghandek u xtraw in-numru tar-registrazzjoni falz DAC 784 tal-karozza, liema numru qed nerga' nurik issa, ghall-prezz ta' LM4 fejn skond huma anke hrigtilhom ircevuta. Xi tghid ghal dan?
T. Jiena qed nghid li mhux vera. Jiena staqsejt ghalfejn it-tifel gie ghandi u ordna dan in-numru? Meta staqsejtu din il-mistoqsija waqt il-konfront ftit ilu f'dan l-ufficju dan wegibni li n-nies qalulu bijja.
M. La int stess ghidt li taf lil missier dan Gesred u anke stqarrejt maghna aktar qabel quddiemu li hu habib tieghek, ghalfejn tahseb li allura dan ghandu jigdeb jew jallega xi haga mhux vera fuqek?
T. Int riq taraha Sir, xoghol il-Gustizzja. Inhalli f'idejk ghalfejn ghamel hekk.
M. Sur Grima dawn iz-zewg persuni qed jallegaw li f'zewg okkazjonijiet li gew ghandek kien hemm ukoll bintek Jeanesse li anke hadet l-ordni hi u li l-hlas ta' LM4 sar lilek direttament u hrigt ircevuta. Veru dan?
T. Le, mhuwiex veru.
M. Ara nghidx sew li inthom taghtu din l-ordni tan-numri tal-karozzi lil xi haddiehor imqabbad maghkom u tbieghhuhom inthom wara li jimmanifatturahom ghalikom?
T. Mhux veru li qatt f'kemm ili fin-negozju jiena bieghhejt din il-kwalita ta' numri u kontrihom hrigt xi rcevuta ta' LM4.

Trid izzid jew tnaqqas xi haga minn din l-istqarrija li ghadek kemm ghamilt
M. minn jeddek?
T. Le.” (Sottolinjar tal-Qorti)

Issa l-Qorti taghmel referenza ghall-Istqarrija ta’ Jeanesse Camilleri moghtija fit-28 ta’ Ottubru, 2006, fejn stqarret:

"M. Jeanesse int tahdem?
T. Le, imma kultant nhar ta' Sibt ninzel nghin ftit lil missieri l-hanut li ghandu l-Pieta bl-isem ta' 'Auto Radio'. Normalment xogholi hemm jikkonsisti fi zbarazzar u jekk ikun hemm bzonn anke naqdi l-klijenti fil-bejgh u li jkun hemm bzonn.
M. Barra minnhekk fil-hanut ta' missierek ikun hemm nisa ohra jaqdu lill-klijenti?
T. Le, mara wahdi u ommi bhal llum.
M. Il-Pulizija ghada kemm kelmittek f'dan l-ufficju u urietek numru tar-registrazzjoni falz bin-numru DAC 784 li jikkonsisti fi stickers imwahhlin fuq bicca plastik. Nghid sew li dan in-numru inbiegh minnek madwar erba' gimghat ilu?
T. Le.
M. Ghadu kemm sar konfront ftit minuti ilu f'dan l-ufficju bejnek u bejn certu Gesred Borg fejn dan fil-presenza tieghek qal li kien ordna u gabar dan in-numru mill-hanut taghkhom u kont inti li kejjiltlu l-bumper u hadtlu l-ordni ghalih. Xi tghid ghal dan?
T. Kollox falz. Mhux vera.
M. Int qatt rajtu qabel lil dan Gesred Borg?
T. Lanqas qatt ma rajtu.
M. Dan il-persuna qed jallegali meta gie ghandek il-hanut kien b'Hyundai Accent hadra u li int innutajt in-numru DAC 784 fuq karta filwaqt li hallsek Lm4 ta' din l-ordni u hrigtlu rcevuta. Veru dan?
T. Le, ghax ahna ma naghmlux dawk it-tip ta' numri.
M. Ara nghidx sew li din mhux l-ewwel darba li gew klijenti ghandkom u qdejtuhom billi bieghhejtulhom numri bhal dan li qed nitkellmu fuqu?
T. Le.

M. Ser nerga' nistqasik jekk hux int li bieghejt dan in-numru lil dan Gesred kif qed jallega hu quddiemek?
T. Le.
M. Ara nghidx sew li inthom taghtu din l-ordni lil xi haddiehor biex jaghmlilkom minn dawn it-tip ta' numri?
T. Le.
M. Apparat bhal plotters u printers li jghamlu dawn l-istickers intkom ghandkom?
T. Le.
M. Minbarra mill-hanut ta' G'Mangia, inthom ghandkom xi stores ohrajn jew garaxxijiet fejn izommu xi xoghol?
T. Le, fil-hanut u fil-basement tal-istess hanut.
M. Ara nghidx sew li darba minnhom kien gie dan Gesred u fil-hanut kien hemm int u anke missierek u ghidtulu li n-numru kien ghadu mhux lest u tlabtuh jigi gurnata ohra?
T. Le.
Trid izzid jew tnaqqas xi haga minn din l-istqarrija li ghadek kemm ghamilt
M. minn jeddek?
T. Xejn hlief li ahna ma nghamlux dawk it-tip ta' numri u lanqas ma nbieghhuhom ghax dawk l-ADT biss jistghu jghamluhom.” (Sottolinjar tal-Qorti)

Issa l-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta’ Brian Farrugia li fis-Seduta tat-22 ta’ April, 2008, qal:

"Nghid jiena in rapprezentanza ta' l-ADT qieghed niddeponi llum wara li gejt mitlub biex naghmel kjarifiki rigwardanti l-vettura registration number DAC 784 tal-marka Hyundai Accent u precizament nghid illi dina l-vettura tghajjat l-isem ta' Michael Borg id number 318144m u ilha tghajjat lilu mis-7 ta' Frar tas-sena 2002. nghid il-plates bin-numru DAC 784 rigwardanti din il-vettura harget fl-14 ta' Mejju ta' l-1996 u baqghu hekk sal-lum. Daqstant nghid illi mir-records taghna ma jirrizultawx li kien hemm xi tibdil tal-plates ghal imsemmija vettura. Qed nigi muri dok SM 9. In vizjoni ta' dan id-dokument illi dina tidher li hija plate u nghid illi certament dina l-plate mhux mahruga mill-ADT. Nghid il-pjanca mahruga mill-ADT tkun ta' l-aluminium mentri din m'hijiex. Nghid illi l-plate mahruga mill-ADT fin-nofs tan-nofs tal-pjanca jkun

hemm arma tar-Repubblika ta' Malta li dina l-pjanca li qed nara m'ghandiex.

Nghid taht il-pjanca jkun hemm numru li jkun unique number li tissejjah serial number. Ikun kompost minn seba' digits. Il-kaz ta' dana l-plate li qieghed nara llum fl-Awla, dana m'ghandux. Nghid illi kull pjanca li hawn Malta ghadna digit differenti. Nghid illi l-uniku awtorita' kompetenti f'Malta biex tohrog in-number plate hija l-ADT." (Sottolinjar tal-Qorti)

Issa l-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta’ PC 1547 John Debattista li fis-Seduta tat-22 ta’ April, 2008, qal:

"Nghid illi fid-data tas-19 ta' Ottubru 2006 jiena flimkien, jiena kont qieghed flimkien ma' kollega tieghi PC 343, illum PS 343. konna ahna ghaddejin ahna ronda fuq Bahar ic-Caghaq. Kif wasalna hdejn il-Kiosk ta' Bahar ic-Caghaq, ahna nnutajna vettura tal-marka Hyundai Accent ta' kulur ahdar bin-numru ta' registrazzjoni DAC 874 u ahna nnutajna li n-number plate kien falz. Ahna ndunajna ghaliex dan beda jirrifletti hafna fid-dawl tal-karozza. Ahna hrigna u ccekjajnih u sibna li dana l-plate kien qisu maghmul minn xi fibre glass jew majka. Dana l-plate kien imwahhal quddiem ta' l-imsemmija vettura. Qed nigi muri d-dokument dok MS 9. Nikkonferma li dan id-dokument li jikkonsisti fi plate huwa l-plate li effettivament ahna nnutajna fuq dina l-vettura li semmejt. Is-sewwieq ta' dik il-vettura meta ahna waqqafniha kien Josric Borg. Dana qalilna li n-numru originali tal-vettura li kien qieghed fuq in-naha li kien mitfuh fuq it-tapit ta' wara gewwa l-karozza qalilna li kien qalha xi daqqa u mbaram u hu kien ordna wiehed mill-plates ghaliex, u dan kien ordnah minghand certu Joe ta' Guardamangia ghaliex kien jaf li dan kien qed jaghmilhom. Jiena nghid li ahna fuq il-post qlajna din il-plate u imbaghad ahna ghaddejniha lil Ispettur Stephen Mallia." (Sottolinjar tal-Qorti)

Issa l-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta’ Gesric Borg li fis-Seduta tat-22 ta’ April, 2008, qal:

"Nghid illi rigwardanti dan il-kaz jien ghaddej proceduri Kriminali li huma issa decizi b'mod definnittiv. Nikkonferma li fis-19 ta' Ottubru tas-sena 2006 jiena kont qieghed Bahar ic-Caghaq u gejt imwaqqaf mill-Pulizija. Nghid illi jiena dakinhar kont qieghed insuq vettura tat-tip Hyundai Accent ta' kulur ahdar u nghid li dina kellha number plates fuqha DAC 784. qed nigi muri d-dokument dok SM 9. Nghid dana huma plate illi jiena dan id-dokument dok SM 9 li qed nara huwa plate illi jiena wahhaltu fuq il-bumper ta' quddiem ta' dina l-vettura Hyundai Accent. Dana l-plate kont xtrajtu minn Guardamangia go hanut Guardamangia. Nghid jiena l-persuna li beghitli dana l-plate qieghed naghrfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla. Nghid l-imputat prezenti fl-Awla kienet qeghda prezenti wkoll.

Jidhirli dan il-plate kont hallast tieghu erba' liri. Nghid il-flus ghaddejthom lil imputat mal-cash. Jiena meta l-pulizija kienu waqfuni kont ghidtilhom li dan il-late kont xtrajtu minghand Joe ta' Guardamangia. Nghid dina ma kinitx l-ewwel okkazzjoni li xtrajt minghand l-imputat. Fil-fatt precedentement kont ukoll mort nixtri darb'ohra. Jiena meta hallast lil imputat, dan kien tani karta miktuba pero' ma kinitx l-ircevuta fiskali. U jiena imbaghad din il-karta kont tliftha. Nghid illi jiena dana l-plate li huwa esebit bhala dok SM 9 kont mort ghand l-imputat, ghidtlu x'plate ridt u kont ordnajtu. Nghid imbaghad ghaddew xi erba' tijiem u imbaghad jiena mort u xtrajt dan il-plate minghand l-imputat.

Hawnhekk nixtieq naghmel korrezzjoni fis-sens illi jiena meta originarjament kont ordnajt il-plate minghand l-imputat, imbaghad kont mort, nghid imbaghad ghaddew erba' tijiem. Jiena mort ghand l-imputat biex ninghata l-plate u ndunajt li kien hemm zball fin-numru fuq dan il-plate. u ghaldaqstant kelli imbaghad immur l-ghada biex jiena itini l-plate korrett. U l-ghada mort u fil-fatt hallast lil imputat kif ghidt xi erba' liri. Ghaldaqstant bejn dakinhar li jiena ordnajt il-plate u dakinhar li inghatajt jiena b'kollox mort tliet darbiet ghal fini ta' dana l-plate u kienu ghaddew xi hames tijiem minn meta ordnajtu sa meta xtrajtu.

Meta mort l-ewwel darba ghand l-imputat fis-sens biex nordna dana l-plate mieghi kien hemm missieri. hawnhekk nixtieq naghmel korrezzjoni fis-sens illi jiena kont hallast lil imputat l-erba' liri l-ewwel darba li mort u cioe' meta ordnajtu. Fit-tielet okkazzjoni sempliciment kemm tani l-plate. u nghid illi fl-ewwel okkazzjoni, allura meta ordnajtu u hallast tieghu l-plate, dawn l-erba' liri kien hemm iz-zewg imputati prezenti. Nghid meta ghamilt l-ordinazzjoni tal-plate jiena lil imputata kont ghidtilha li l-plate ridtu izghar mis-size normali u tajtha l-ittri u n-numri. U nghid illi l-imputat harget barra biex tara n-number plate tal-karozza u hadet il-qies biex taghmlu izghar. Imbaghad jien dak il-hin hallast lil imputat l-ammont li talabni.

Nghid jiena imbaghad dakinhar stess illi inghatajt dana l-plate mort il-garaxx tieghi u wahhalt dana l-plate li qieghed naghrfu bhala dok SM 9. Jiena imbaghad gurnata wahda biss hrigt b'dana l-plate u nghid fil-fatt kien dakinhar fil-ghaxija li mbaghad inqbadt mill-Pulizija tal-mobile. Fis-sens nghid illi kien allura dik il-gurnata li inghatajt il-plate, kienet il-gurnata li wahhalt il-plate u kienet l-gurnata wkoll illi imbaghad qabduni tal-mobile b'dan il-plate." (Sottolinjar tal-Qorti)

Issa l-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Michael Borg li fis-Seduta tat-22 ta' April, 2008, qal:

"Jiena xogholi huwa ta' store man. Jiena kont qieghed gewwa l-garaxx tieghi gewwa Santa Venera meta gie t-tifel tieghi li jismu Gesric u qalli biex immur mieghu. Ahna morna l-hanut ta' Joe Grima li jinsab sitwat fi Triq San Luqa Guardamangia liema Joe Grima qed naghrfu bhala l-imputat hawnhekk prezenti fl-Awla. Ahna dhalna u l-imputat Grima ta lit-tifel tieghi zewg pjanci. Nghid jiena lil imputata ma rajtiex prezenti fil-hanut dakinhar. Nghid jiena ma niftakarx jekk il-pjanca jew tnejn li l-imputat ghadda lil ibni. Qed nigi muri d-dokument dok SM 9 u dan id-dokument qed naghrfu bhala l-pjanca li l-imputat Grima ghadda lil ibni f'dina l-okkazzjoni li mort ma' ibni. N-numru ta'registrazzjoni DAC 784 huwa n-numru ta' registrazzjoni tat-tifel tieghi Gesric Borg li hija vettura Hyundai Accent ta' kulur ahdar. In kwantu din il-vettura li ghandha numru ta'

registrazzjoni DAC 784 naf li l-insurance qeghda fuqi in kwantu ghal licenzja ma nafx jekk hux qeghda fuqi jew le. In kwantu jekk fid-data ta’ Ottubru 2006 il-vettura kinitx licenzjata f’ismi jew f’isem it-tifel nghid illi m’ghandiex idea pero’ li nghid huwa li f’Ottubru 2006 l-imsemmija vettura l-insurance taghha registrat f’ismi. Nghid illi dakinhar li jiena mort mat-tifel biex huwa jirrileva dana l-plate ma kienx sar hlas u fil-fatt it-tifel kien qalli li dawn kienu diga’ imhallsin. Jiena wara rritornajt lura d-dar. Nghid in kwantu ghal hanut ta’ l-imputat Grima gewwa Guardamangia gieli jiena mort xtrajt qabel minghandu. Jiena kif diga’ ghidt gieli mort nixtri ghand l-imputat Joe Grima u nghid dakinhar li akkumpanjajt lit-tifel jiena lil Grima saqsejtu lil grima kif inhu.” (Sottolinjar tal-Qorti)

Issa l-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta’ Paul Agius li fis-Seduta tal-10 ta’ Gunju, 2008, qal:

"Jiena rapprezentant tat-Trade Lisencing Unit. Nghid jiena gejt mitlub biex naghmel verifiki halli nara x'licenzji ghandu tat-Trade, Joseph Grima karta ta' l-identita' numru: 800848M. U nghid mill-verifiki li ghamilt jien, jirrizulta li dana ghandu licenzja fuq il-post bl-isem Auto Radio li jinstab Triq San Luqa, Pieta, ghal fini li dan ibiegh Auto Spares u ukoll bhala whole saler.

Jiena nghid illi licenzji rigwardanti dana l-font huma mhallsin. Qieghed nesebixxi bhala Dok. PAT1 dokumentazzjoni li tirrigwarda l-imsemmija licenzja. Ristrazzjoni hija fuq Joseph Grima biss. In kwantu ghall-verifiki li gejt mitlub naghmel fuq Jenesse Camilleri, karta ta' l-identita' numru: 188477M, dina ma ghandha l-ebda licenzja mat-Trading Lisencing Unit."

Issa l-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta’ PS Glenn Carabott li fis-Seduta tal-10 ta’ Gunju, 2008, qal:
“Nghid illi fid-dsatax (19) t’Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) jiena kont stazzjonat mal-Mobile Squad u kont qieghed patrol u watch ta’ bil-lejl. Konna nzilna Bahar ic-Caghaq peress li kellna z-zona tal-Coast Road fejn ahna naghmlu l-patrol. Dorna z-zona fejn hemm kjosk tal-gelaterija. Kif ahna konna hergin ‘il barra, nnutajna li kien

hemm vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAC 784. Kienet qieghda pparkjata b'zewg (2) persuni go fiha hdejn dina l-kjosk tal-gelaterija. Kif il-headlamps tal-vettura taghna gew fuq in-number plates ta' din il-vettura, dehru li dawna n-number plates ma kienux qed jirriflettu bhal number plates ohrajn. Jiena allura nzilt mill-vettura. Mort vicin in-number plate ta' quddiem, irrizulta wkoll li dana in-number plate kien tal-plastic u n-numri kienu stickers. Qed nigi muri Dok. SM9 u nikkonferma li dana huwa n-number plate li kien hemm imwahhal ma' dina l-vettura. Nghid dana n-number plate elevajtu jiena u dana wara li kont staqsejt lix-xufier, liema xufier jismu Jesrin Borg. Staqsejtu ghaliex kien wahhal dan in-number plate. Dana kien urieni n-number plate originali li kien naqra mghattan, pero' mhux wiehed illi ma jgharfux u jiena ghidtlu biex huwa allura jaqla' n-number plate li kien hemm imwahhal u jwahhal l-original fuqu. In-numbr plate illi kien tal-plastic imbaghad elevajtu jiena. U huwa dana d-dokument, Dok. SM9 li qieghed ngharaf. Jiena staqsejtu fejn kien ghamel dan in-number plate u huwa qalli li kien lest jghidli, pero' ma riedx illi nikxfu. U qalli li kien mar jghamlu ghand certu Joey ta' Gwardamanga. Kien ukoll spjegali li dan Joey ta' Gwardamanga kellu stabbiliment fi Gwardamanga fejn kien ikun ukoll ibiegh l-isteroes. Jiena mbaghad dina n-number plate li esebita bhala Dok. SM9 ghaddejtha lil Ispettur Stephen Mallia u mbaghad komplew l-investigazzjonijiet ulterjuri minn sezzjoni ohra tal-pulizija." (Sottolinjar tal-Qorti)

L-istess xhud fl-istess Seduta in kontro ezami fl-istess Seduta qal:

"Dak inhar meta kien qieghed bil-vettura tal-pulizija tal-mobile squad kont qieghed is-sewwieq. Dana kien bil-lejl. Nikkonferma illi dina l-vettura li kellha dan in-number plate li semmejt kienet qieghda pparkjata fejn il-kjosk tal-gelati f'bahar ic-Caghaq. Nikkonferma illi meta kien hemm ir-riflessjoni tad-dawl tal-vettura taghna fuq in-number plate in kwistjoni, dina n-number plate ma rriflettietx b'mod illi solitament jirriflettu fuqna number plates li jkunu originali. U ghalhekk attiratli l-attenzjoni. Qed nigi mistoqsi mid-difiza jekk jiena kontx qieghed infittex vettura bin-number

plate DAC 784, nghid li le. Nghid li l-persuni li kien hemm fil-vettura u li kienu guvni u tfajla, kienu qeghdin jitkellmu b'mod normali u ma kienux b'agir suspettuz. Nghid jiena ghal daqstant, waqaf u nzilt mil-vettura tas-servizz, biex ninvestiga fuq dina n-number plate li jiena dak il-hin ma rajtiex bhala wahda normali." (Sottolinjar tal-Qorti)

Issa l-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' WPC 127 Carmen Gauci li fis-Seduta tal-10 ta' Gunju, 2008, qalet:

"Qieghda nigi murija d-dokumnet Dok. SM8 li jinstab minn fol hamsa u ghoxrin (25) sa fol sebgha u ghoxrin (27) tal-Process. Nghid illi din hija stqarrija ta' l-imputata Janesse Camilleri li qed nagharafha prezenti fl-awla. Nikkonferma li jiena kont prezenti ghat-tehid ta' din l-istqarrija. Nikkonferma li l-imputata kienet inghatat t-twissija skond il-ligi u li kienet irrilaxxat din l-istqarrija b'mod volontarju. Nikkonferma wkoll li qieghda ngharaf il-firma tieghi, dik ta' l-Ispettur Stephen Mallia, kif ukoll ta' l-imputata Janesse Camilleri ghazlet li tiffima din l-istqarrija. Dawn il-firem qed ngharafhom kull fejn jidhru fuq din l-istqarrija."

Issa l-Qorti taghmel referenza ghall-kontro-ezami tal-Ispettur Stephen Mallia li fis-Seduta tat-12 ta' Jannar, 2009, qal:

"Mistoqsi mid-Difiza jekk hux minnu li kienet saret search fil-fond gewwa Guardamangia fejn jahdmu l-imputati u dana s-search irrizulta fin-negattiv jiena nikkonferma dan. In kwantu ir-rizultat ta' dan is-search nikkonferma li minn tfittxija li saret fl-istabbiliment li semmejt ma kien hemm xejn li jikkollega ruhu mal-oggetti esebiti bhala dok SM 9 fl-atti ta' din il-kawza. Nixtieq nghid illi fil-fond illi saret l-ispezzjoni ma sibniex tipi li kienu jaqblu ezattament ma' dawk li setghu intuzaw biex saru l-oggetti esebiti bhala dok SM 9. Inzid nghid illi kienu differenti. In kwantu ghal Josric Borg lili kien qalli li hu kien inghata ircevuta ghal dak li kien xtara minghand l-imputati pero' nghid illi bhala fatt lili din l-ircevuta dan Josric Borg qatt ma urihieli. Inzid nghid li fil-fatt dan Josric Borg lili qatt ma pproducieli ircevuti. Nghid illi rigwardanti domandi li qed issirli mid-

Difiza nikkonferma li lil Michael Borg li jigi missier Jesrad Borg lili kien qalli li l-imputat ma kienx raha fil-hanut. Inzid nghid illi Jesrad Borg kien gie akkuzat illi kien ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, li xjentement ghamel uzu minn kitba jew skrittura falza u minn dokument iehor falsifikat u akkuzi ohra. Nipprometti li f'seduta ohra nesebixxi kopja tal-akkuzi li kienu nhargu fil-konfront ta' Jesrad Borg. Nipprometti wkoll li nesebixxi kopja ta' sentenza rigward dawn l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Jesrad Borg. Michael Borg ma kienx gie akkuzat." (Sottolinjar tal-Qorti)

Issa l-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Joseph Grima li fis-Seduta tat-18 ta' April, 2011, qal:

"Jiena ghandi tlieta u sittin (63) sena. Illum irtirat u qabel kont naghmel xoghol ta' mportazzjoni u qabel kont inwahhal u nistalla radios tal-karozzi kif ukoll accessorji tal-karozzi. In-negozju li kien kelli kien jismu Joe Auto Dealer, sitwat St. Luke's Road, Gwardamangia. Inkwantu ghan-number plate li kont gejt muri mill-pulizija b'numru DAC 784 jiena lill-pulizija ghidtilhom li dak in-numru ma kont ghamiltu jiena, fil-fatt nghid jiena mill-ewwel lill-pulizija kont ghidtilhom li dak in-numru ma kont ghamiltu jiena. Originarjament il-pulizija kienu baghtu ghalija d-Depot, ghalaqt il-hanut u mort id-Depot u mbaghad il-pulizija gew mieghi lura l-hanut. Nispjega li jiena mmedjatament mid-Depot morna lura l-hanut tieghi akkumpanjat mill-pulizija. Nixtieq nghid illi jiena meta gejt muri mill-pulizija n-number plate li semmejt kont ghidtlu li jiena dak in-number plate ma kontx ghamiltu jiena, ghidtlu wkoll jekk irid jista jigi jara, zidt nghidlu wkoll li l-qisien tan-number plate li jien kont ghadni kif gejt muri mill-pulizija mhuwiex qisien ta' number plates li naghmel jien. Nghid effettivament jiena mhux number plates naghmel imma li naghmlu ahna kienu forma ta' plates dawn jitwahhlu fil-garaxxijiet biex isebhu u wkoll stickers li jitwahhlu mal-bibien tat-taxis u fuq it-trakkijiet naghmluhom fuq pjanca safra xi stickers li jkunu juru per ezempju xi ziemel jew inkella l-laqam tax-xufier. Nixtieq nghid li jiena effettivament ma kontx naghmel registration plates kont naghmel number plates dekorattivi biex wiehed jiddekora

imma ma jistghux jintuzaw bhala numri tar-registrazzjoni fuq vetturi. Dan kollu jiena lill-pulizija kont ghidtulhom. Nghid jiena mbaghad mid-Depot dak il-hin stess il-pulizija kienu gew mieghi fil-hanut tieghi, l-pulizija ghamlet tfitxija ezawrenti fil-hanut tieghi. Jiena lill-pulizija wrejthom x'naghmel jien u nixtieq nghid li l-pulizija f'din it-tfitxija ma sabu xejn bhal dak li kienu wrewni d-Depot. Gejt mistoqsi mill-pulizija meta konna fil-hanut tieghi jekk jien kellix computer u fil-fatt nghid kelli computer hemm hekk li kien ghadu gdid lanqas kien ghadu gie pplagjat. Nghid illi dan il-computer kien ghadu gdid, kont ghadni ma haddimtux u kienu tawhuli t-tfal peress li din id-ditta taghna tmur ghal sistema kompjuterizzata. Nixtieq nghid li l-pulizija dak il-hin ikkomunikat dan il-computer u sabu li vera dan il-computer kien ghadu gdid. Nixtiq nghid illi jiena wkoll bhala xoghol kont naghmel twahhil ta'pjanci tar-registrazzjoni. Nixtieq nghid illi jiena wkoll ninporta stickers ta' numri illi jitwahhlu fuq il-pjanci, dawn fuq dawk li naghmel jiena. Nixtieq nghid illi jiena l-pjanci li kont naghmel ghall-uzu ta' dekorazzjoni nghid illi fil-fatt li qieghed nuri l-istickers li bihom kont naghmel dawn il-pjanci liema stickers qeghdin flimkien bl-ittri BHC 784 li qieghed nesebixxi bhala Dok. JGP 1. Nghid illi dawna l-istickers ma jaqblu xejn mal-pjanca tar-registrazzjoni li kienu wrewni l-pulizija fid-Depot. Nghid jien fil-fatt qatt ma kont gejt mitlub biex naghmel numru tar-registrazzjoni ghal fini li persuna riditha ghal dekorazzjoni. Dak li normalmentkont nigi mitlub biex naghmel kienu ghall-istalel normalment b'ismijiet ta' xi zwiemel. Nghid ukoll li qieghed f'pozizzjoni li nesebixxi tliet (3) ritratti li qeghdin kollha fuq folja wahda li dawna juru form ta' pjanci illi nghid illi dawn prezentament daw qeghdin jinbieghu u mhux qed inbieghhom jien bhal dawna il-pjanci li bhalhom kont naghmel jien barra pero' l-fatt li f'tieghi ma kienx ikun hemm is-sinjal ta' Malta li jidrhu fuq dawn il-pjanci. Dan id-dokument qed jigi esebit u mmarkat Dok. JGD 2. Qed nesebixxi bhala Dok. JGD 3 u Dok. JGD 4 zewg ritratti li juru wkoll forma ta’ pjanca u nghid jiena bhal din ukoll tant kont naghmel bhal l-fatt pero’ li ma kontx naghmel il-marka ta’ Malta fuqha. Wara li l-pulizija kienu telqu mill-hanut jiena bqaqjt nahdem fil-hanut. Xi hmistax wara ergajt gejt imsejjah mill-pulizija, mieghi ssejhet ukol binti

prezenti fl-Awla. L-ewwel giet interrogata binti u mbaghad gejt interrogat jien, nixtieq nghid li waqt l-interrogazzjoni kien sar konfront maghna u ragel illi dana sostna fil-prezenza taghna li hu kien xtara minn ghandi pjanca tar-registrazzjoni ghal prezz ta' erba' (4) Liri Maltin. Nixtieq nghid illi fil-fatt dan il-persuna li qalet hekk kien hemm ukoll maghha missierha. Nixtiq nghid missier dana l-persuna lilili qalli li nghata l-pjanca li skond hu kien xtara minn ghandi ghal prezz ta' erba' (4) Liri kien klient tieghi. Xi sitt (6) xhur qabel peress li kont ma niflahx dana missier dan ir-ragel lili kien awgurali fejqan. Nixtieq nghid li jiena dana r-ragel li nghid li kien it-tifel u li kien xtara minn ghandi ghidtlu li lilu lanqas biss kont nafu u jiena lanqas kont bieghetlu. Nixtieq nghid illi dana ir-ragel u laura qieghed nirreferi ghat-tifel, lili kien qalli li kellu rcevuta minn ghandi, jiena ghidtlu li jiena rcevuta dejjem kont naghti. Jien fil-fatt kont ghidtlu hekk ghaliex jiena jekk persuna inkun bieghtilha xi haga nkun tajtha rcevuta. Jiena ghidtlu biex hu jgib l-ircevuta, imbaghad wara dik l-okkazjoni kont gejt infurmat illi skond dana r-ragel l-ircevuta kien tilifha, kienu l-pulizija li kienu qaluli b'dan. Jiena f'dan il-konfront li kelli fid-Depot kont saqsejt lil dan ir-ragel li jigi t-tifel tal-habib tieghi, li lilu min kien baghtu ghandi ghaliex fin-negozju taghna pesuna tibat lill-ohra u huwa pero' meta saqsejtu dan kien qalli ma jafxmin kien li kien baghtu ghandi. Nghid jiena persuna xogholha tkun tafu u jiena nghid bil-gurament tieghi jiena zgur li dik il-pjanca li kont gejt muri li sokond dan ir-ragel allega li kien xtara minn ghandi ma kontx ghamiltha jiena u lanqas kont bieghtha lilu. Nghid jien ilni tnejn u erbghin (42) sena fin-negozju u qatt ma kelli ncidenti ta' dan it-tip. Nghid jiena nikkonferma l-kontenut ta' l-istqarrija tieghi li tinsab esebita fl-atti u li hija esebita bhala Dok. SM 6. Jiena a tempo vergine kont mal-pulizija nnegajt li din il-pjanca li kont gejt muri kont ghamiltha jien jew kont bieghtha jien."
(Sottolinjar tal-Qorti)

L-istess xhud fl-istess Seduta in kontro ezami qal:

"Nghid illi jiena fis-sena elfejn  u sitta (2006) kont ghadni fin-negozju tieghi u bqajt biex imbaghad waqaft fis-sena elfejn u ghaxra (2010). Nixtieq nghid illi jiena fin-negozju

tieghi kelli lavranti, binit li hija ko-akkuzata f'din il-kawza tigi nhar ta' Sibt meta ma jkollix skola biex tghinna ftit. Qed nigi mistoqsi stante l-fatt li kemm dan il-guvnott u anke missieru liema missieru kien klient tighi dawna sostnew illi n-number plate kont bghietulhom jiena jekk kienx hemm xi raguni l-ghala dawn setghu allura vvintaw dina l-istorja nghid illi jiena lill-guvni waqt il-konfront fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija kont saqsejtu min kein li baghtu ghandi pero' dan baqa' ma rrispondienix. Gie li kien hemm okkazjonijiet fejn jiena ma kontx inkun prezenti fil-hantu tieghu u allura l-hanut dak il-hin kien ikun qed jitmexxa mill-lavranti tieghi. Jien nghid wiehed mill-lavranti huwa ibni Joevin Grima u jiena bhala stat ta' fatt meta kont inwarrab mill-hanut kont inalli lill-mara tieghi prezenti. Nghid jiena fuq domanda li qed issirli inhoss li lill-pulizija ma kellix ghalfejn nghidilhom li wiehed mill-lavranti kien ibni."

L-istess xhud fl-istess Seduta in ri ezami qal:

"Nghid l-allegazzjoni li kienet saret kienet fil-konfront tieghi wahdu u mhux fil-konfront tieghi wahdu u mhux fil-konfront ta' xi lavrant tieghi. <u>B'referenza ghal Dok. SM 9 nghid din hija numru tar-registrazzjoni illi jiena fil-hanut tieghi qatt ma rajt wahda bhala.</u> Nixtieq nghid illi jiena d-dokument li esibejt illum bhala Dok. JGP 1 kont urejthom lill-Ispettur Stephen Mallia, kont ghidtlu li bil-qies tal-pjanca li kienet urietni l-pulizija n-numri u l-ittri li kont nuza jien ma kienux joqghodu fuq it-tali pjanca." (Sottolinjar tal-Qorti)

Dan il-kaz jippernja ruhu bazikament fuq kwistjoni ta' kredibilita' ta' xhieda. Minn naha l-wahda hemm principalment il-versjoni tax-xhud Gesric Borg u minn naha l-ohra hemm principalment il-versjoni tal-imputat Joseph Grima.

Issa minn ezami tal-provi prodotti jirrizulta li l-imputat Joseph Grima dejjem zamm ferm mal-versjoni tieghu. Difatti fid-deposizzjoni tieghu moghtija fis-Seduta tat-18 ta' April, 2011, inter alia, qal: "....... u jiena nghid bil-gurament tieghi jiena zgur li dik il-pjanca li kont gejt muri li skond

dan ir-ragel li kien xtara minn ghandi ma kontx ghamiltha jiena u lanqas kont bieghtha lilu.” “.......” “Jiena a tempo vergine kont mal-pulizija nnegajt li din il-pjanca li kont gejt muri kont ghamiltha jien jew kont bieghtha jien.”

Izzid tghid illi l-Istqarrijiet rispettivi taz-zewg imputati, maghmula a tempo vergine, jaqblu bejniethom.

Issa l-Qorti taghmel referenza ghall-brani mid-deposizzjoni ta’ Gesric Borg li fis-Seduta tat-22 ta’ April, 2008, inter alia, qal: “Meta mort l-ewwel darba ghand l-imputat fis-sens biex nordna dana l-plate mieghi kien hemm missieri.” “.......” “....... u nghid illi fl-ewwel okkazzjoni, allura meta ordnajtu u hallast tieghu l-plate, dawn l-erba’ liri kien hemm iz-zewg imputati prezenti. Nghid meta ghamilt l-ordinazzjoni tal-plate jiena lil imputata kont ghidtilha li l-plate ridtu izghar mis-size normali u tajtha l-ittri u n-numri. U nghid illi l-imputat harget barra biex tara n-number plate tal-karozza u hadet il-qies biex taghmlu izghar”.

Hawn issir referenza ghall-bran mid-deposizzjoni ta’ Michael Borg li fis-Seduta tat-22 ta’ April, 2008, inter alia, qal: “........” Jiena kont qieghed gewwa l-garaxx tieghi gewwa Santa Venera meta gie t-tifel tieghi li jismu Gesric u qalli biex inmur mieghu. Ahna morna l-hanut ta’ Joe Grima li jinsab sitwat fi Triq San Luqa Gwardamangia .........” “Ahna dhalna u l-imputat Grima ta lit-tifel tieghi zewg pjanci. Nghid jiena lil imputata ma rajtiex prezenti fil-hanut dakinhar. Nghid jiena ma niftakarx jekk il-pjanca jew tnejn li l-imputat ghadda lil ibni.”

Mis-suespost jemergi li dawn iz-zewg xhieda giddbu lil xulxin.

Minn naha wahda ix-xhud Gesric Borg jghid li l-ewwel darba li mar l-ewwel darba mar biex jordna l-plate u kien hemm missieru mieghu. Gesric Borg izid jghid li meta ordna l-plate u hallas erba’ liri kien hemm iz-zewg imputati prezenti u li meta ghamel l-ordinazzjoni tal-plate riedu izghar mis-size normali u taha l-ittri u n-numri u li l-imputat (recte: imputata) harget barra biex tara n-number plate tal-

karozza u hadet il-qies biex taghmlu izghar. Mentri Michael Borg jghid li hu lill-imputata ma rajhiex prezenti fil-hanut dakinhar.

Di piu' ix-xhud Gesric Borg fis-Seduta tat-22 ta' April, 2008 inter alia, qal:
"Hawnhekk nixtieq naghmel korrezzjoni fis-sens illi jiena meta originarjament kont ordnajt il-plate minghand l-imputat, imbaghad kont mort, nghid imbaghad ghaddew erba tijiem. Jiena mort ghand l-imputat biex ninghata l-plate u ndunajt li kien hemm zball fin-numru fuq dan il-plate u ghaldaqstant kelli imbaghad immur l-ghada biex itini l-plate korrett u l-ghada mort u fil-fatt hallast lil imputat kif ghidt xi erba' liri. Ghaldaqstant bejn dakinhar li jiena ordnajt il-plate u dakinhar li inghatajt jiena b'kollox mort tliet darbiet ghal fini ta' dana l-plate u kienu ghaddew xi hames tijiem minn meta ordnajtu sa meta xtrajtu." Dan jikkuntrasta bil-qawwi mal-versjoni ta' Michael Borg fejn dan (Seduta tat-22 ta' April, 2008) jghid: "Ahna dhalna u l-imputat Grima ta lit-tifel tieghi zewg pjanci." "........" "Nghid jiena ma niftakarx jekk il-pjanca jew tnejn li l-imputat ghadda lil ibni".

Il-Qorti tirrileva ukoll li mit-tfittxija li saret, a tempo vergine mill-Pulizija ghall-oggetti li setghu intuzaw biex issir il-pjanca, tali tfittxija irrizultat fin-negattiv.

Difatti minn ezami tal-atti processwali imkien ma' jirrizulta li xi hadd mill-imputati immanifattura n-number plate esebita fl-atti bhala Dok SM9.

Ghaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, il-Qorti ma ssibx lill-imputati Joseph Grima u Jeanesse Camilleri nee' Grima hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom fuq konflitt ta' provi u konsegwentement tillibera lill-imsemmija imputati Joseph Grima u Jeanesse Camilleri minn dawn l-akkuzi.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna il-konfiska u kif ukoll id-distruzzjojni tal-oggett esebit fl-atti ta din il-kawza bhala Dok SM9 liema tali distruzzjoni ghandha ssir a kura tar-

Registratur tal-Qrati jew rappresentant tieghu u wara isir Rapport dwar tali distruzzjoni, liema Rapport ghandu jigi inserit f'atti ta' din il-kawza. Ghal fini ta' tali distruzzjoni tordna in-notifika tar-Registratur tal-Qrati b'kopja ta' din is-Sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------